MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2388/1996/1

**John Mamo**

**vs**

**Alfreda Mamo**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Mamo zzewgu fil-15 ta’ Ottubru 1981 mill-liema relazzjoni maritali huma ghandhom tliet ulied minorenni u cjoe’ Claudine ta’ tlettax-il sena, John ta’ hdax-il sena, u Christian ta’ disa’ snin.

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta’ adulterju ma’ certu Mark Vella li minnu ghandha wkoll tarbija li twelditilhom fit-23 ta’ Gunju 1995, sevizzi,

minacci, mohqrija w ingurji gravi b'mod illi kisret l-istess zwieg b'mod irrimedjabbli;

Illi l-attur ghalhekk irid jissepara minn martu l-konvenuta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Mamo minhabba htijiet kommessi mill-konvenuta versu l-attur senjatament adulterju, sevizzi, minacci, mohqrija w ingurji gravi li lkoll jimmilitaw f'inkompatibilta' ta' karattru bejn il-kontendenti bir-rizultat li z-zwieg bejniethom tfarrak b'mod irrimedjabbli;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet ulied minuri Claudine, John u Christian lill-attur missierhom;

3. Tordna c-cessjoni, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Mamo;

4. Tassenja definittivament id-dar konjugali 15, Triq Sant' Ursola, l-Isla lill-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta; u

5. Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mid-drittijiet taghha kif provdut f'artikoli relattivi tal-**Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kollha kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-20 ta' Mejju 1997 fejn talbet li tigi awtorizzata tiggustifika l-kontumacja taghha u tipprezenata n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha.

Rat il-verbali tas-27 ta' Mejju 1997; u tat-8 ta' Lulju 1997 fejn xehdet il-konvenuta Alfreda Mamo u l-Qorti laghat it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghha u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin gurnata ghall-prezentata tal-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-16 ta' Lulju 1997 a fol. 19 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-fatti allegati mill-attur huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* lis-separazzjoni hija kagun u htija biss tal-attur. Kien l-attur li minhabba swat li kien isawwat lill-konvenuta u minhabba l-problema ta' xorb ikkaguna t-tifrik taz-zwieg.

2. *Oltre* hekk kien l-attur li abbanduna d-dar konjugali u llum ghandu relazzjoni fissa ma' mara ohra.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 20 sa 22 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' Ottubru 1997 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Bonello bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi; tad-19 ta' Jannar 1998 fejn il-Qorti ssostitwiet lill-Assistent Gudizzjarju b'Dr. Maria Dolores Gauci; u tas-17 Marzu 1998.

Rat in-nota tal-attur tat-13 ta' Mejju 1998 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Emanuel Xerri, u nota ohra tieghu datata 15 ta' Mejju 1998 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tas-16 ta' Settembru 1998; tad-9 ta' Frar 1999; tat-28 ta' Mejju 1999; tat-29 ta' Ottubru 1999; tal-5 ta' April 2000; tat-23 ta' Mejju 2000; tal-24 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Novembru 2001;

tal-10 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn in vista li Dr. Edwina Grima ghall-konvenuta ddikjarat li ghalqet il-provi taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju, il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbali mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda hemm prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni maghmula mill-attur bis-soliti talbiet f’kawza ta’ din in-natura, u ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti sejra tasal ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet taghha abbazi tal-provi prodotti quddiemha.

Illi jidher li l-kontendenti zzewgu fil-15 ta’ Ottubru 1981, u minn dan iz-zwieg kien hemm tliet itfal, Claudine u John li llum huma maggorenni u Christian li f’Novembru 2002 ghalaq (16) sittax-il sena.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-attur qed jallega li l-istess konvenuta kkommettiet adulterju fil-konfront tieghu ma’ certu Mark Vella, u fil-fatt ma huwiex kontestat, u li l-istess konvenuta anke kellha tarbija mill-istess persuna li twieldet fit-23 ta’ Gunju 1995.

Illi pero’ min-naha l-ohra l-konvenuta tallega li l-attur kien jittratta ghal kollox hazin, tant li jekk wiehed ihares lejn l-affidavit taghha datat 23 ta’ Marzu 2000, jara rakkont ta’ hajja miskina li kienet kostretta tghix l-istess konvenuta ma’ zewgha, fejn fost allegazzjonijiet ohra hemm diversi ncidenti ndikatattivi ta’ swat u ta’ abbuz *da parte* tal-attur minhabba l-vizzju tal-loghob u xorb li kellu, fejn jidher car li f'dan iz-zwieg kien hemm diversi kazi ta’ vjolenza

domestika perpetwata mill-attur fuq il-konvenuta, u jidher li dwar dan kollu l-attur ma qal xejn fix-xhieda tieghu, izda nsista biss fuq l-allegazzjoni ta' adulterju fil-konfront ta' martu.

Illi apparti dan kollu jirrizulta wkoll mill-istess affidavit tal-konvenuta li hija sostniet li l-attur kien abbanduna d-dar konjugali, bla ebda forma ta' manteniment ghaliha u ghal uliedha u kien biss zmien wara li hija kellha din ir-relazzjoni mal-persuna fuq indikata li minnha kellha tarbija, ghalkemm cahdet li hija tghix mieghu. F'dan ir-rigward ghalkemm l-attur jghid li fil-fatt l-istess persuna kienet jew ghexet mal-konvenuta, ma ngabet ebda prova ulterjuri mill-attur, li baqa' ma semma xejn dwar l-allegazzjoni li huwa kien abbanduna l-istess dar konjugali, hlief li kien tkecca mill-istess dar.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-attur ma tistax tigi accettata u dan peress li ma hijiex sostanzjata u lanqas kredibbli.  Bizzejjed jinghad li mill-affidavit tieghu jidher li jekk wiehed inehhi l-kwistjoni ta' l-adulterju, ix-xhieda tal-attur hija kollha koncernanti kemm hareg flus sabiex jigi rrangat il-fond matrimonjali, li huwa ammess li nxtara mill-konvenuta fuq isimha qabel iz-zwieg, izda dwar l-avvenimenti tal-hajja mizzewga, apparti dwar l-adulterju ma jinghad xejn mill-istess attur, lanqas sabiex b'xi mod jirribatti l-allegazzjonijiet tal-konvenuta dwar swat perpetrat minnu fuqha u dwar l-abbandun, u dan fl-ebda stadju tal-proceduri.

Illi huwa sinifikanti f'dan ir-rigward li tul il-pendenza kollha ta' dawn il-proceduri ma jidhirx lanqas li l-attur ivversa lejn l-konvenuta jew almenu lejn uliedu xi forma ta' manteniment, u jidher ukoll li l-attur certament kien qed jghix il-boghod mid-dar konjugali, jista' jkun kellu relazzjonijiet ma' terzi, izda bl-ebda mod ma ttenta jmanti lill-uliedu, u ovvjament din il-Qorti ma tistax ma tiehux konsiderazzjoni ta' dan kollu, li sar *pendente lite* meta tasal sabiex taghti l-konkluzjonijiet taghha, kif fil-fatt qed u ser taghmel *tramite* din id-decizjoni.

Illi jinghad ukol f'dan ir-rigward li ghalkemm jidher li l-attur kien ghamel affidavit estensiv fih ma hemm xejn kif kien qed imantni lill-martu u fuq kollox lil uliedu, u qatt attent ukoll sabiex bl-ebda mod ma jindika x'inhu l-introjtu tieghu, izda biss kkoncentra fuq l-allegazzjonijiet tieghu li huwa nefaq is-somma ta' cirka Lm4,000 jew Lm5,000, fuq l-istess dar konjugali sabiex din tigi rrangata.

Illi fl-isfond ta' dan kollu, u bix-xhieda stess tal-istess attur, din il-Qorti thoss li t-tezi tal-konvenuta hija ferm aktar kredibbli, anke ghaliex ma hijiex kontestata mill-attur, u almenu fuq fuq punt wiehed, jirrizulta li hemm qbil, u accettazzjoni *da parte* tal-attur, li huwa verament kien abbanduna d-dar konjugali, ghalkemm din ma jghidhiex, ghaliex tul il-pendenza tal-kawza kollha mhux biss ma ghex fl-istess dar, izda lanqas b'xi mod mantna lil uliedu, u fuq il-bazi ta' dan kollu, li ma gie bl-ebda mod kontestat mill-attur, jidher li l-abbandun ta' l-attur mid-dar konjugali gie kollu kemm huwa ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi, u ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Illi huwa veru li l-attur allega li l-konvenuta keccietu mid-dar u li anke biddlet is-serratura tal-istess dar, izda dan bl-ebda mod ma gie sostanzjat mill-istess attur, u jinghad ukoll li l-attur mhux biss ma gab ebda korroborazzjoni ta' din l-allegazzjoni, li hija di piu kontestata mill-konvenuta, izda ma jidhirx li l-attur gab xi minimu ta' prova dwar xi azzjonijiet anke legali li huwa kien jippretendi li setghu saru minnhu sabiex jinghata access ghall-istess dar, certament la quddiem din il-Qorti u lanqas ebda Qorti ohra, u dan almenu ghal dak li jirrizulta minn dawn l-atti processwali.
Illi fuq kollox l-attur ma rrifjuta bl-ebda mod l-allegazzjonijiet tal-attrici dwar l-incidenti tas-swat u vjolenza li hija rrakkontat fl-affidavit taghha, u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, jidher li l-verzjoni tal-konvenuta ghaliex qed issir din il-kawza hija hafna aktar kredibbli u fic-cirkostanzi tal-kaz verosimili, u ghalhekk din il-Qorti thoss li din is-separazzjoni ghandha tigi pronunzjata minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet, u cjoe' minhabba sevizzi, minacci, eccessi u ingurji gravi u abbandun *da parte* tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, u

minhabba adulterju *da parte* tal-konvenuta, ghalkemm dan sar wara l-abbandun tal-attur tad-dar konjugali, u wara li l-konvenuta sofriet l-attitudini negattivi u l-atti vjolenti tal-attur tul l-istess permanenza taghhom flimkien.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti sejra tiddeciedi t-talbiet l-ohra fic-citazzjoni attrici, u f'dan ir-rigward jinghad li t-talba tal-attur ghall kura u kustodja ta' uliedu, li llum wiehed biss ghadu minorreni u cjoe' Christian, ma tistax tigi accettata, *stante* li ghal diversi snin, u zgur fil-mori ta' din il-procedura, li ilha sfortunatement pendenti mis-17 ta' Lulju 1996 (u effettivament dehret quddiem din il-Qorti kif presjeduta biss fit-2 ta' Ottubru 2002), l-konvenut qatt ma mantna lil uliedu u dan ghall-perjodu ta' mill-anqas sitt (6) snin, cjoe' tul il-pendenza ta' din il-kawza. Illi ghalhekk il-kura u kustodja tal-istess minuri ghandha tithalla f'idejn l-istess konvenuta, li hadhet hsieb uliedha kollha tul il-pendenza ta' din il-kawza, u ghalhekk it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda.
Illi dwar it-talbiet l-ohra certament li din il-Qorti, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan apparti dak li ser jinghad aktar 'l isfel f'din is-sentenza, ma thoss li r-raba' (4) talba attrici ghandha tigi milqugha, fis-sens li fid-dar konjugali, li fuq kollox l-istess attur abbanduna zmien ilu, ghandha tghix l-istess martu bl-eskluzjoni tal-attur, fejn hija ilha tghix hemm minn xi tliet (3) snin wara z-zwieg, u fejn hija dejjem ghexet ma' wliedha, anke fiz-zmien li kien jghix maghha l-attur, li kif inghad mhux l-ewwel darba li refa' jdejh fuqha, u dan bl-eskluzjoni tal-istess attur.

Illi dwar l-istess dar konjugali jidher li din hija parafernali ghall-istess konvenuta *stante* li giet minnha akkwistata qabel iz-zwieg fit-13 ta' Marzu 1981 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona u esebiet fl-atti processwali; f'dan il-kuntest jinghad li l-verzjoni tal-konvenuta ta' kif l-istess dar giet irrangata hija hafna aktar verosimili u kredibbli, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li din id-dar giet akkwistata mill-konvenuta minghand iz-ziju taghha, u dan ukoll gie rrangat minnha, bl-ghajnuna ta' missierha qabel l-istess zwieg, kif jidher dattaljament rakkontata minnha fix-xhieda *viva voce* quddiem l-assistenta gudizzjarja tad-29 ta'Marzu 1999, li hija

kkonfermat fl-affidavit taghha tat-23 ta’ Marzu 2000. Skond l-istess xhieda kulma sar wara z-zwieg kienu affarijiet relattivament zghar ma’ dak li sar qabel iz-zwieg fejn il-post kien mibdul minn wiehed mhux abitabbli anzi kkundannat ghall-wiehed decenti, u fil-fatt sar biss il-madum wara zwieg.
Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni f’dan ir-rigward ix-xhieda tal-attur u tax-xhud Emmanuel Xerri moghtija permezz ta’ affidavits, izda ma thossx li din ix-xhieda hija attendibbli, *stante* li ma giet bl-ebda mod sostanzjata b’dokumenti appoziti tenut kont tal-fatt li ghall-partijiet din kienet somma sostanzjali, u apparti dan kollu jidher li din hija kontradetta f’kollox mix-xhieda tal-konvenuta, li din il-Qorti fl-ezami taghha tal-process thoss li hija ferm aktar attendibbli u verosimili, tenut kont tal-fatt li dan l-istess post inxtara minghand familjari tal-konvenuta, li l-istess attur skond huwa lanqas kellu l-hin sabiex jattendi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghaliex kien isiefer fuq xoghol, u dan ix-xoghol sar meta l-istess attur ma kienx ghadu jahdem barra, u allura l-introjtu tieghu kien naqas jekk mhux spicca ghal kollox.

Illi tenut kont ta’ dan kollu jidher li l-istess dar konjugali ghal kull effett u fini tal-ligi ghandha titqies bhala parafernali ghall-attrici, u dan inkluz l-oggetti li kien hemm fiha li fil-gran parti taghhom gew akkwistati mill-konvenuta qabel iz-zwieg, kif hija xehdet, u li dawn gew mibdula waqt iz-zwieg u l-attur isemmi zewg *spare bedrooms*, salott u *appliances*, li l-konvenuta ssostni li dawn ta’ l-ahhar inbiddlu kemm ilu l-attur li abbanduna d-dar il-fuq minn ghaxar (10) snin ilu.

Illi tenut ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li ghandha tigi xolta l-istess komonjuni tal-akkwisti u *stante* l-abbandun tal-istess attur tad-dar konjugali l-istess data ghall-fini tal-**artikolu 48 (c) tal-Kap 16** ghandha tigi ffissata ghall-Frar 1992, u peress fl-istess komunjoni ma hemm xejn ta’ valur partikolari thoss li ma hemm xejn x’jigi assenjat, aktar u aktar bl-applikazzjoni tal-istess sub-artikolu precitat fejn il-mobbli akkwistati wara l-istess abbandun *da parte* tal-attur tad-dar konjugali ghandhom jinzammu mill-istess attrici.

Illi veru li jista' jkun hemm xi krediti ta' entita' zghira *verso* l-attur ghal xi xoghol li sar wara z-zwieg fl-istess dar konjugali. Pero' meta wiehed iqis li l-istess attur naqas li jmantni lil martu ghal dan iz-zmien kollu, anke *pendente lite*, u dan apparti li naqas jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu tul il-pendenza kollha ta' din il-kawza, almenu ghall-perjodu ta' minorita' ta' l-istess ulied, din il-Qorti thoss li l-istess attur kien kompensat u konsegwentement sehhet tpacija bl-istess sommom jew ammonti minnu dovuti bhala alimenti, li fl-opinjoni tal-Qorti kienu anke akbar sew mill-ammont minnu pretiz, anke jekk wiehed jimxi fuq l-ammont ta' almenu Lm60 fix-xahar li qabel dawn il-proceduri l-istess attur kien ihallas bhala manteniment ghal uliedu u ghall-konvenuta skond ix-xhieda tal-konvenuta.

Illi ovvjament l-adulterju tal-konvenuta, anke f'dawn ic-corkostanzi rrizulta wkoll u konsegwenza ta' hekk tilfet id-dritt ta' manteniment minghand l-attur.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni u r-raba talba attrici, tilqa' t-talbiet l-ohra attrici** biss fil-limiti hawn decizi u kif ser jinghad aktar 'il quddiem, b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Mamo minhabba htijiet kommessi mill-attur *verso* l-konvenuta senjatament, sevizzi, minacci, mohqrija w ingurji gravi fit-termini tal-**artikolu 40 tal-Kap 16** u wkoll minhabba abbandun tal-attur tad-dar konjugali skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 41 tal-Kap 16,** u wkoll minhabba adulterju tal-konvenuta abbazi tal-**artikolu 38 tal-Kap 16,** li kawza ta' dan iz-zwieg bhala fatt bejniethom tfarrak b'mod irrimedjabbli;

2. Tichad din it-talba sabiex tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet ulied minuri Claudine, John u Christian lill-attur missierhom, kemm ghaliex llum huwa biss Christian li huma minorreni, u kemm ghaliex l-istess kura u kustodja

tal-imsemmi minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta li dejjem hadet hsieb u pprovdiet b'mod dicenti ghall-uliedha.

3. Tordna c-cessjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Mamo, u dwar il-likwidazzjoni tal-istess tiddikjara li mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm assi ta' xi valur partikolari x'jigu likwidati, u l-ftit mobbli li hemm ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta kif fuq inghad anke b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16,** bid-data effettiva ghall-iskop tal-istess sub-artikolu ghandha tkun dik ta' Frar 1992 .

Illi fl-istess vina ghandu jigi ddikjarat li ghandhom japplikaw kontra z-zewg konjugi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48,** u dan in vista' ta' dak deciz fl-ewwel talba attrici, b'dan pero' li fil-konfront tal-attur ghandu japplika dak fuq deciz fil-konsiderazzjonijiet ta' din id-decizjoni, tenut kont tal-fatt li l-attur naqas li jmantni lill-martu u lil uliedu ghal zmien twil, b'dan li b'effett tal-istess l-attur ma ghandu ebda kreditu ulterjuri kontra l-konvenuta, la bhala sehmu mill-komunjoni u lanqas bl-applikazzjoni tal-istess sub-artikoli tal-**artikolu 48.**

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-fond 15, Triq Sant' Ursola, l-Isla huwa fond parafernali tal-attrici, u kif qed jigi deciz hija ghandha tghix fl-istess fond flimkien ma' wliedha, dejjem kif il-ligi tippermetti, bl-eskluzjoni tal-attur.

4. Tichad din it-talba sabiex tassenja definittivament id-dar konjugali 15, Triq Sant' Ursola, l-Isla lill-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta, anzi bil-kuntrarju din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-istess fond huwa parafernali ghall-konvenuta, u hija ghandha tghix fl-istess fond bl-eskluzjoni tal-attur.

5. Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mid-drittijiet taghha kif provdut **f'artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta** bil-mod fuq deciz, b'dan ukoll li l-konvenuta tilfet id-dritt li tigi mantnuta mill-attur, u l-istess dritt intilef ukoll mill-attur fil-konfront tal-konvenuta b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d),** fil-waqt li din il-Qorti

tapplika wkoll kif fuq deciz l-istess dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront tal-attur wkoll.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kollha a karigu tal-attur.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------